MALTA

ATT Nru. VII ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1979 dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament

ACT No. VII of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Members of Parliament Pensions Act, 1979.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

14 ta' Marzu, 1989

ATT Nru. VII ta' l-1989

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1979 dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Att XXVI ta' l-1979.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1979 dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, minbarra dan l-artikolu u l-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 2, għandhom jidħlu fis-seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista' jiffissa b'avviż fil-Gazzetta.

(3) Il-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-14 ta' Awissu, 1979.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fit-tifsira ta' "ħlas pensjonabbli" minnufih wara l-kliem "perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin b'kollox," għandhom jidħlu l-kliem "jew li għal perjodu ta' inqas minn ħames snin, li jkun perjodu sħiħ mill-ewwel seduta tal-Kamra jew ta' l-Assemblea Leġislattiva wara xoljiment, sad-data meta l-Kamra jew Assemblea Leġislattiva, skond il-każ, terġa' tiġi xjolta, wara dik is-seduta (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "perjodu ta' Leġislatura"), okkupa xi waħda minn dawk il-karigi jew xi żewġ karigi jew iżjed bħal dawk,", u minflok il-kliem "matul il-ħames snin l-aktar favorevoli għal membru, skond il-każ," għandhom jidħlu l-kliem "matul il-ħames snin l-aktar favorevoli għal membru jew matul dak il-per-

jodu ta' Leġislatura, skond il-każ, kif l-aktar favorevoli għal membru";

(b) fit-tifsira ta' "ħlas pensjonabbli", minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda meta membru li ma jkunx okkupa kariga bħal dik jew karigi bħal dawk għal perjodu sħiħ ta' Leġislatura, iżda jkun okkupa kariga bħal dik għal perjodu ta' inqas minn ħames snin, jew ikun okkupa xi tnejn jew iktar minn dawk il-karigi għal perjodu ta' inqas minn ħames snin b'kollox, il-medja tas-salarju li jitħallas dwar dik il-kariga u tal-onorarju li jitħallas lil membru, għal perjodu ta' ħames snin b'kollox, jew il-medja tas-salarji li jitħallsu dwar dawk il-karigi u tal-onorarju li jitħallas lil membru, għal perjodu ta' ħames snin b'kollox, għandhom jiġu kalkolati bil-mod fuq imsemmi matul il-ħames snin l-aktar favorevoli għall-membru fid-data ta' l-irtir tiegħu;"; u

(ċ) minflok it-tifsira ta' "pensjoni tas-servizz" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

""pensjoni tas-servizz" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali;".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-pensjoni li jkollha hekk titħallas flimkien ma' kull pensjoni li tkun titħallas lil dik il-persuna taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali u ma' kull pensjoni tas-servizz" għandhom jidħlu l-kliem "il-pensjoni li jkollha hekk titħallas flimkien ma' kull pensjoni tas-servizz"; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) F'kull każ li għalih japplika s-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, sakemm dawn ikunu jirreferu għal pensjonijiet taħt dak l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

4. Fl-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

Emenda ta' l-artikolu 6A ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 6A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "bl-ammont ta' kull pensjoni li għandha titħallas lil armla taħt l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali, u" għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 90 ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali," għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurta Soċjali,".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 212 tat-8 ta' Marzu, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati